Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 64/2018

Il-Pulizija

Vs

Alfred Mifsud

Illum 4 ta' Dicembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Alfred Mifsud detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0800051M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar fil-25 ta' Settembru, 2016 ghal habta tat-8:00 a.m. f'dawn il-gzejjer:

Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan, jew bil-hsieb li jgieghel lil Anne Carmen Zelbst taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra tieghu, jew biex jimmalafama lil Anne Carmen Zelbst, jew xi persuni ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati, illiberatu billi applikat fil-konfront tieghu l-Artikolu

22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan li l-imputat m'ghandux jikkommetti reat iehor sa zmien tliet xhur mil-lum.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alfred Mifsud, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Frar 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tas-7 ta' Frar 2018 billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet li l-esponent ma kienx hati ta' theddid fil-konfront ta' Anna Zelbst, tilliberah ukoll mill-akkuza li ngurjaha bi kliem u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Alfred Mifsud huma s-segwenti u cioe`:-

**L-Ewwel Qorti zbaljat meta qieset li l-fatti tal-kawza kellhom iwasslu ghal sejbien ta' htija taht l-artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta**

Kjarament l-esponent jaqbel mal-ewwel Qorti fejn sabet li mhux veru li kien hedded lil Anna Zelbst. L-esponent pero' ma jistax jaqbel li huwa ingurjaha bil-kliem *"criminal blackmailer"*. Ibda biex il-kliem li nkiteb ghandu jittiehed fil-kuntest tal-kwistjonijiet li hemm bejn il-partijiet, ir-retroxena li l-Qorti stess qalet li taf tajjeb, fosthom li Anna Zelbst pruvat tavvelih pubblikament billi vvintat stejjer fuqu li hija ghaddiet lill-blogger Caruana Galizia bil-ghan li taghmillu hsara massima. Inoltre l-kliem tal-esponent inkiteb b'riferenza ghall-messagg li Anna Zelbst stess kienet baghtitlu l-gurnata ta' qabel b'theddid car u inekwivoku, fejn hija qaltlu li kienet ser tippubblika l-'hmieg' fuqu u li kien ixxahham bil-ghan li taghmillu hsara pubblika. Dan bil-ghan li ggieghelu jhallas tas-servizzi tad-dawl u l-ilma taghha. L-esponent tant hass li dan it-theddid kien serju u ntiz biex jirrikattah, li mar ghamel rapport lill-pulizija u talabhom jiehdu passi kriminali kontra taghha f'dan is-sens. Dan il-kaz ghadu pendenti.

Kien f'dan il-kuntest li ntqal il-kliem *"The court process will eventually prove that mum is a criminal blackmailer."* Dan il-kliem qatt ma nghad biex jingurja lil Anna Zelbst

izda biss biex jispjega lil ibnu Alain Mifsud kif ommu kienet qieghda jirrikattah. Ma hemmx kelma ohra biex tispjega dak li ghamlet Anna Zelbst.

Fil-fatt, l-esponent jissottometti li l-Ewwel Qorti, anke fil-konsiderazzjonijiet taghha, tispezzetta l-frazi in kwistjoni b'tali mod li l-kliem *"a criminal blackmailer"*, barra mill-kuntest taghhom, qisithom bhala kliem ingurjuz. B'kull dovut rispett, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt qieset li dan il-kliem huwa ingurjuz ghall-istess ragunijiet li l-istess Qorti tal-Magistrati taghti fir-rigward tal-frazijiet l-ohra li jissemmew f'din il-kawza.

Il-paragrafu pertinenti ghal din il-kwistjoni kien jghid hekk:

*"Mum yesterday blackmailed me with exposing more dirt about me if I don't pay the bill. I reported that blackmail to the police as I gave (sic!) nothing to fear. I built an untarnished reputation over 47 years and nobody but your mum accused me of being corrupt.* ***The court process will eventually prove that mum is a criminal blackmailer.****"*

L-Ewwel Qorti qieset il-kliem l-iehor li nghad f'din il-kawza mhuwiex ingurjuz, stante li nghad f'kuntest ta' retroxena u li bhala kumment legittimu tal-esponent fl-isfond ta' proceduri legali. Bl-istess mod, l-Ewwel Qorti kellha tqis anke *dan* il-kumment peress li huwa car li l-isfond tieghu kien wiehed identiku..

**L-esponent ma kienx akkuzat bl-artikolu 252 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat ma jistax jitqies bhala wiehed kompriz fl-artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.**

F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, minn imkien ma jirrizulta li l-esponent kien akkuzat bl-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali li ghalih l-Ewwel Qorti taghmel ampja referenza. Dan ir-reat jikkomprendi elementi ferm differenti mir-reat li bih kien akkuzat l-esponent.

Fil-fatt, jirrizulta li l-eghmil li skont l-Ewwel Qorti huwa wiehed ingurjuz ma kienx dirett lejn ir-recipjent tal-istess messagg. Jirrizulta li l-esponent baghat messagg lil ibnu, u mhux lill-parte civile Anna Zelbst. L-Ewwel Qorti, ikkonsidrat li l-artikolu 49 japplika b'qari wkoll tal-artikolu 252 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta - u cioe` - l-ingurja gravi. B'kull dovut rispett, l-esponent ma kienx akkuzat b'imputazzjoni taht

id-dispost tal-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jorbot mieghu elementi ferm differenti minn dawk tal-artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Li kieku l-esponent kien jaf li qed jigi akkuzat ukoll b'din l-imputazzjoni, huwa seta' jhejji difiza differenti ghal dik li gab fil-kors tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti. Ghalhekk, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt ikkonsidrat li l-artikolu 252 huwa bhallikieku kompriz ukoll fl-artikolu 49 tal-Kap. 399.

Li kieku l-esponent kien akkuzat b'dan l-artikolu, huwa kien ihejji difiza dwar l-intenzjonijiet tieghu (element principali fir-reat tal-ingurja gravi). Ir-reat taht l-artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta huwa wiehed li jgorr mieghu elementi differenti fejn l-intenzjoni jew il-*mens rea* tal-imputat ftit li xejn ghandha piz.

L-istess ma jistax jinghad fir-rigward tal-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali fejn l-intenzjoni li wiehed jingurja lill-persuna li dwarha jkun qieghed jitkellem l-imputat (b'gesti, kitba, b'disinji jew b'mod iehor) hija element fondamentali tal-istess reat.

Pero' anke jekk, *dato ma non concesso* l-artikolu 252 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa b'xi mod kompriz fl-artikolu 49 tal-Kap. 399, dan ma seta' qatt jirrizulta stante li bin il-kontendenti Alain Mifsud imkien ma jghid li dan il-kliem ippercepieh bhala ngurja fil-konfront t'ommu. Fil-fatt, huwa jaghmel referenza biss ghal diskors li skont hu kien 'theddid', izda li l-Ewwel Qorti ma qisitux la bhala theddid, u wisq anqas bhala xi forma ta' defamazzjoni jew ingurja.

L-esponent jissottolinea li l-ghan tal-artikolu 252 huwa li l-ingurja mhux biss tigi *distribwita jew komunikata* mill-imputat, izda li din tigi <u>percepita bhala tali</u> mir-recipjent tal-istess messagg jew komunikazzjoni.

L-esponent jirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' April 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Vella:**

*"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skont il-kaz) ingurjuzi* ***<u>iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna - imqar terza persuna wahda - ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata</u>*** *("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz).*

Minn dan isegwi li <u>necessarjament</u>, it-terza persuna li tkun irceviet il-komunikazzjoni minghand l-imputat, ghandha tippercepixxi l-istess bhala ingurja fil-konfront ta' persuna ohra. Altrimenti, la l-att tal-imputat u lanqas l-intenzjoni tieghu ma jkunu jissodisfaw l-elementi tal-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali. Hekk gara wkoll f'dan il-kaz.

Inoltre, fis-sentenza **Pulizija vs Annunziato Magro** (deciza 23 ta' Frar 2016) dik il-Qorti, b'referenza ghall-artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, tghid hekk:

*"Issa f'dan il-kaz ir-reat li gie ipotizzat ma kienx dak tal-ingurja imsemmi fl-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali jew dak kontravvenzjonali imsemmi fl-Artikolu 339(1)(e) tal-istess Kodici. Izda l-Prosekuzzjoni ghazlet li taddebita dan ir-reat specjali u aktar kompless minn dak imsemmi fil-Kodici Kriminali.* ***<u>Dan ghaliex l-elementi tar-reat kontestat huma differenti u aktar oneruzi.</u>****"*

Din hija konferma cara li r-reat li bih gie mixli l-esponent u dak li kkunsidrat l-Ewwel Qorti mhumiex l-istess u ghalhekk, huwa ma seta' qatt jigi misjub hati ta' elementi li jiffiguraw biss taht l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali.

**Minghajr pregudizzju, ma jirrizultax li l-esponent kellu l-intenzjoni u l-*mens rea* li jingurja lil Anna Carmen Zelbst**

<u>L-artikolu 49 (b) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar 'kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika (i) bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra (ii) biex jaghmel xi gwadann (iii) jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga - jhedded li - (a) jakkuza jew jaghmel ilment kontrih (b) jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra.</u>

<u>Minn qari akkurat ta' dan id-dispost jirrizulta li l-ligi tesigi zewg elementi: l-ewwel element jirrigwardja l-intenzjoni tal-imputat li jiehu xi flus, jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi gwadann jew li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga. It-tieni element huwa t-theddida li jakkuza, jew it-theddida li jaghmel ilment kontra l-persuna, jew it-theddida li jimmalafama lil dik il-persuna jew persuna ohra.</u>

Mill-atti ma jirrizultax li l-esponent hedded lil xi hadd li ser jimmalafama lil Anna Carmen Zelbst. Lanqas ma jirrizulta li mmalafamaha ma' xi hadd, stante li ibnu mkien ma ppercepixxa xi kliem bhala offensiv jew malafamanti. Fil-fatt, huwa jitkellem biss dwar xi theddid li l-Ewwel Qorti ddecidiet li ma kienx minaccjuz jew kriminali.

Minn dan isegwi li l-element intenzjonali tal-esponent huwa nieqes u l-Ewwel Qorti ma setghet qatt sabitu hati tal-istess reat.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi (App. Krim. (inf) 284/2000 PV; 31.05.2001),** ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghid hekk:

"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, **lil hin minn kull dubju ragjonevoli**, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-*mens rea*, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni...".

F'dan il-kaz, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt waslet ghall-konkluzjoni li l-esponent kellu l-intenzjoni li jingurja lil xi hadd. Fil-fatt, kull ma jirrizulta huwa li l-esponent ghamel kumment legittimu dwar procedimenti legali bejnu u bejn il-*parte civile* Anna Zelbst u cioe' li dak li ghamlet kien ser iwassalha biex tigi kkundannata ta' agir kriminuz. L-ewwel Qorti kellha quddiemha wkoll l-assenza ta' xi dikjarazzjoni li Alain Mifsud ippercepixxa d-diskors ta' bejnu u missieru Alfred Mifsud bhala wiehed defamanti fil-konfront ta' Anna Carmen Zelbst.

Ghall-kuntrarju ta' dak li timplika l-Ewwel Qorti, jirrizulta biss li l-esponent kiteb lil ibnu semplicement biex janticipa dak li qaltlu ommhom li kienet ser tghid lit-tfal u tippreparahom ghall-azzjonijiet li kien fi hsiebha tiehu kontra tieghu.

Ghal din ir-raguni wkoll, l-esponent jissottometti li l-Ewwel Qorti ghandha tilliberah minn kull htija taht l-artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Illi skont ir-rapport prezentat mill-prosekuzzjoni li jinstab a fol 6 et seq, il-kwerelanta kienet irraportat li t-tifel taghha Alain Alexander kien ghadu kif infurmaha li kellu konverzazzjoni ma missieru Alfred Mifsud fuq il-mobile tieghu u f'wiehed mill-messaggi li l-missier kien baghtlu kien hedded lil ommu Anne.

Is-*sinjura Zelbst ghaddiet kopja tal-konverzazzjoni lil Pulizija fejn Alfred Mifsud kieteb "rest assured mum will pay the damage she caused me, sooner or later she will*' u iehor li jaqra '*I dont talk much like mum does but I do what I have to do.*'

Ir-raport jipprovdi li l-ewwel is-Sinjura Zelbst talbet li l-ebda azzjoni bil-Qorti ma tittiehed kontra s-Sur Mifsud izda aktar tard wara nofsinhar hi infurmat lil pulizija li wara li kkonsultat mal-avukat taghha parir li tmexxi bl-akkuzi kontra s-Sur Mifsud.

Fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet **Anna Carmen Zelbst** fejn mistoqsija ghalfejn ghamlet rapport fil-konfront tal-imputat fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru xehdet li '*Fil-verita' saruli hafna theddit verbalment u bil-kitba pero' tant tellani Qrati li umbghad iddecidejt li tant offendini f'dawn il-messaggi li ddeciedejt li naghmel rapport jien ukoll.*' Tghid li l-messaggi baghtomlha t-tifel. Hi mmarkat bil-*highlighter* il-frazijiet li bihom hassietha insulentata. Dawk immarkati huma '*The court process will eventually prove that mum is a criminal blackmailer.*', '*But rest assured mum will pay the damage she caused me. Sooner or later she will.*' u '*But I do what I have to do*'[1].

Tghid li hassietha insulentata ghax fl-elfejn u sitta (2006) tghid li l-imputat kien heddiedha li jarmiha go skip minghajr ma jmissha, li ghandu l-flus u li jqabbad lil xi hadd jaghmilha u hi kienet ratu jaghmel vendikazzjonijiet lil hafna nies allura dik

[1] Fix-xhieda taghha ticcita *"I don't talk much but I do what I have to do."* filwaqt li l-mesagg fil-konverzazzjoni li tidher a fol 2 taqra *'I don't talk too much like mum does. But I do what I have to do and in the end truth prevails.'*

bezzatha, tghid li '*Knowing him dik bezzatni*'. Tikkonferma li l-messaggi ntbaghtu bejn it-tifel u l-imputat. Tghid li '*Barra minhekk I am no blackmail.*'

**Alain Mifsud** xehed fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) li kkonferma li hu wild l-imputat u li jixtieq jixhed. B'referenza ghal pagni immarkati bhala 2,3 u 4 jghid li huma messaggi, konverzazzjoni ma missierhu fuq 'Whatsapp'. Mistoqsi minn ghamel '*print out*', spjega li hemm funzjoni fuq din l-applikazzjoni li tista' tibghat il-konverzazzjoni bl-email. Jghid li l-email tieghu huwa amzelbst@gmail.com. Jghid li ismu fuq Whatsapp huwa 'Lanny'. Jghid li printja li kien hemm fil-konversazzjoni. Jikkonferma li hemm id-dati u hin ezatt ta' meta l-messaggi gew ricevuti. Mistoqsi x'ghamel bil-messaggi, jekk urihomx lil ommu wiegeb li '*I have no one (1) I never show messages straight to my mum but, cause when something I feel is tipo' what do you call it threatening then I feel that I need to put my foot in, but my messages and my dad were always confidential but when I found them threatening then I had to.*' Jghid li qal lil ommu u mistoqsi jekk qalilhiex ghax hass li kienu theddid wiegeb li '*I felt that they were you're not meant to say that to your son about your mum.*'

L-imputat **Alfred Mifsud** xehed fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn huwa prezenta *screen shot* tal-konversazzjoni mat-tifel li giet immarkata bhala Dok AM 1. Huwa prezenta kopja ta' messaggi li Ms. Zelbst baghtet gurnata qabel jigifieri fl-24 ta' Settembru, li gew immarkati bhala Dok. AM2 li jghid li u ma rrispondiex izda kkomunika mat-tifel fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru. Jghid li '*Fl-smss taghha heddidtni li jekk mhux se nhallas il-kont tad-dawl ta' fejn kienu joqghdu tas-Sliema, fil-post tieghi, allura hi kienet se tikxef hafna iktar minn dak li hi kienet gia kixfet u lili se timbarazzani ma' kulhadd u se tmur pubblika w jiena ovjament ma rrispondejtx dak u mort dak il-hin stess l-ghassa ta' Birkirkara u ghamilt rapport li jiena illi m'ghandiex x'nahbi, li qed tiblekmailjani, qed tghajjarni u b'dak il-kawza qed tinsinwa.*'

Fix-xhieda tieghu hu rrefera ghal messaggi li jghid li baghtitlu l-parti leza fosthom li '*I'll inform the kids and show them your message and prepare them for the actions I'm going*

*to take. As of this moment do not message me with threats any more because I shall not reply. Go to hell and burn just where you belong. I bet this reminded you of your mother'*[2] u '*This time I won't just talk about the bribes you took from Ronnie Demajo but about ALL THE DIRT I'*[3] u tkompli fuq pagna ohra '*have exceeded every limit and even if you pay the utility bills i'm going to make you wish you never laid eyes on me. I'm going public again'*[4]. Jghid li dawn ma rrispondihomx u li t-tifel qallu dak kollu li hemm '*illi jiena se nimxi mal-ligi u ommu qed tirrikattani imma jiena mhux se naqgha u se nimxi mal-ligi, ha naghmel kollox skont il-igi u eventwalment il-Qorti ssib min ghandu ragun illi ommu qed taghmel dan biex tirrikattani b'mod kriminali.*' Jikkonferma li l-messaggi bathomlu fuq 'WhatsApp'. Mistoqsi jekk huwa heddiedx b'xi mod jew b'xi reat jew b'xi haga il Anna Zelbst f'dak il-messagg wiegeb li '*Assolutament anzi ghidt li ha naghmel kollox skont il-ligi.*'

In kontro-ezami mistoqsi ghandux provi li l-messaggi intbaghtu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru wiegeb li l-smss, ghandu l-mobile. Jikkonferma li hu akkuzat bil-hamsa u ghoxrin (25), l-ghada. Mistoqsi hassux provokat b'dan id-iskors wiegeb li bid-diskors mar jaghmel rapport l-Ghassa. Mistoqsi jekk Alain kienx jaf bihom wiegeb li le ma kienx jaf bihom. Mistoqsi jekk jekk kienx qed jghid lil Alain li sejjer jipprova li Anna Zelbst hija kriminali, li ghamlet reat kriminali iwiegeb li iva li fil-fatt ghamel rapport fuqha biex jipruvaha. Mistoqsi fejn hu r-rapport jghid li l-kawza sejra tinstema dak x-xahar minghalih fit-tlieta (3) ta' Ottubru quddiem il-Magistrat Stafrace.

Mistoqsi dwar meta qal '*but rest assure mummy will pay the damage she caused me, sooner or later she will*' wiegeb li '*Tfisser li dan li ghamlitli trid thallas ghalihom.*' Mistoqsi x'igifieri u kekk hi setghet tifimha hekk wiegeb '*Tifimha kif trid imma jiena x'ried infisser jien u.*' Jghid li '*jiena ghidt ha ninsisti ghad-drittijiet tieghu ha ninsti li thallas ghad-danni kollha li ghamlitli. Dak kollu. Id-drittijiet li ghandi skont il-ligi.*'

---

[2] Hawnhekk din il-Qorti qieghda ticcita parti mill-kontenut tal-messagg a fol 31 u mhux il-kliem ezatt li l-appellant xehed fis-seduta tal-5 ta' Settembru, 2017

[3] Hawnhekk din il-Qorti qieghda ticcita parti mill-kontenut tal-messagg a fol 30 u mhux il-kliem ezatt li l-appellant xehed fis-seduta tal-5 ta' Settembru, 2017

[4] Hawnhekk din il-Qorti qieghda ticcita parti mill-kontenut tal-messagg a fol 31 u mhux il-kliem ezatt li l-appellant xehed fis-seduta tal-5 ta' Settembru, 2017

L-Avukat tal-kwerelanta jghid li '*hawnhekk m'hawnx jigifieri illi inti se taghmel kawza ghad-danni. Hawn hawn miktub "mummy will pay the damage she caused me. Sooner or later she will"*. Dwar li '*I do what I have to do*', qal li '*Jiena ma npacpacx u noffendi u nghajjar lil dak li jkun imma naghmel dak li ghandi naghmel kif il-ligi hekk qed tghidli*' Mistoqsi hijiex theddida ghalih jghid li le, jghid li izomm id-drittijiet li taghtih il-ligi sewwa kif qed jaghmel. Jghid li hemm miktub li '*jiena naghmel kollox skont il-ligi.*'

Ikkunsidrat;

Illi in breve, l-fatti kienu s-segwenti:

1. Il-parte civile Anna Carmen Zelbst ghamlet rapport dwar konverzazzjoni li kien hemm bejn binha u missieru l-appellant Alfred Mifsud fejn skont il-parte civile l-appellant kien heddiedha;

2. Quddiem l-Ewwel Qorti il-parte civile spjegat li fl-elfejn u sitta (2006) l-appellant kien heddidha li se jarmiha go skip minghajr ma jmissha, li ghandu l-flus u li se jqabbad lil xi hadd jaghmilha. Tghid li ratu jaghmel vendikazzjonijiet lil hafna nies allura bezghat u hassitha insulentata bil-kliem '*The court process will eventually prove that mum is a criminal blackmailer*', '*But rest assured mum will pay the damage she caused me. Sooner or later she will*' u '*But I do what I have to do*';

3. L-appellant minn naha l-ohra jghid li din kienet konverzazzjoni bejnu u bejn ibnu wara theddid da parti tal-parte civile fil-konfront tieghu li sehh il-gurnata ta' qabel. Fix-xhieda tieghu jghid li l-kliem li uza huwa fil-konverzazzjoni ma' ibnu dwar il-parte civile ma kienx kliem ta' theddid izda spjegazzjoni li kien se jagixxi skont il-ligi;

4. L-Ewwel Qorti qieset li kliem ma jikkostitwixxix theddid li se jsir xi reat jew xi forma ta' estorsjoni izda sabitu hati ta' kliem ingurjuz. Wara li rat l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati u lliberatu bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan li l-appellant ma ghandux jikkometti reat sa zmien tlett xhur.

Illi l-Ewwel Qorti bil-kliem '*rest assured mum will pay the damage that she caused me, sooner or later she will, but I do what I have to do*' u '*I don't talk too much but I do what I have to do*' ikkunsidrat li dan il-kliem kien konferma li l-imputat kien bi hsiebu jiehu r-ragun permezz ta' toroq legali fi hdan il-Qorti u li dan ma jikkostitwixxi kliem ta' theddid li se jsir xi reat jew xi forma ta' estorsjoni. Filfatt ikkunsidrat li '*Fir-retroxena tal-fatt li l-partijiet ghandhom diversi pendenzi fosthom civili bejniethom, dan il-kliem jikkonfigura sew f'dak li qal limputat u cioe' li huwa se jaghmel dak illi kellu jaghmel fil-Qorti, u eventwalment jekk kien hemm xi danni li sofra, l-parte civile se jkollha thallashom. Dak huwa li qal l-imputat u dak huwa li fehmet il-Qorti ried ifisser bih.*' Il-Qorti izda qieset li il-kliem '*a criminal blackmailer*' ghal parti civile kienet tikkostitwixxi malafama, kliem ingurjuz fil-konfront taghha. Wara li qieset l-artikoli 252(1) u 252(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkunsidrat li l-imputat ma setghax jirreferi ghal Zelbst bhala '*a criminal blackmailer*' la darba ma kien hemm l-ebda sentenza li ikkkundannatha bhala tali ghalhekk l-Ewwel Qorti qieset dawn il-kliem bhala kliem ingurjuz u sabet htija taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) quddiem din il-Qorti, Dr Pawlu Lia l-Avukat difensur tal-appellant spjega '*li fis-sentenza appellata, l-imputat kien instab hati taht l-artikolu 49 tal-Kap 399 abbinat mal-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali illi bl-att XI tal-2018 li dahal fis-sehh fl-24 ta' April, 2018 u ghalhekk fil-mori tal-proceduri ta' dan l-appell u wara sentenza tal-ewwel Qorti, l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali gie mhassar (X1.2018.25) filwaqt bl-istess att (XI.2018.32) zdied proviso ghal-artikolu 49 tal-Kap 399 fejn ukoll giet eskluza l-htija taht dik il-ligi meta l-kliem malafamanti jistghu jghatu lok ghall malafama jew ingurja skont l-att dwar il-Media.*'

Din il-Qorti sejra tibda billi tezamina jekk dawn l-emendi li saru fil-mori tal-appell u wara l-ghoti tas-sentenza appellata ghandhomx impatt fuq id-decizjoni appellata. L-Ewwel Qorti kienet qieset l-artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fil-kuntest li ghal parti civile il-kliem '*a criminal blackmailer*' kien jikkostitwixxxi kliem ingurjuz fil-konfront taghha. Jirrizulta li dan l-artikolu gie mhassar permezz tal-Att X1.2018.25 u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tqis l-akkuza u l-provi migjuba fil-

kuntest tal-artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra l-akkuza migjuba fil-konfront tal-appellant taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat permezz ta-Att XI.2018.32.

Dan l-artikolu llum il-gurnata jaqra:

'*Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika -*

*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*
*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*
*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,*
*ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat;*
*Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.*'

Dan il-kaz jitratta dwar konverzazzjoni privata bejn l-appellant u ibnu fuq 'WhatsApp' fejn l-appellant uzu certu kliem fil-konfront ta' omm ibnu. Din il-Qorti ma tqis din il-konverzazzjoni privata bhala tali li taqa taht il-provisomizjud permezz tal-Att Att XI.2018.32. Ma jirrizultax li l-kliem uzat huwa '*kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat*' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti) u lanqas ma jirrizulta li jistghu jaghti lok ghal azzjoni ghal malafama jew ingurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Dan mhuwiex kaz fejn l-appellant ippublika xi stqarrija jew kliem malafamanti fuq xi sit socjali *online* u allura fejn il-pubbliku jew uhud mil-pubbliku kellu access ghalih. Din kienet konverzazzjoni privata bejn l-appellant u ibnu u kien biss ghax ibnu hass li kellu jinforma lil ommu l-parti leza li din ma baqghetx bejn l-appellant u

ibnu. Din il-Qorti f'dan ir-rigward taghmel referenza ghax-xhieda ta' Alain Mifsud, iben l-appellant moghtija quddiem l-Ewwel Qorti nhar it-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn meta mistoqsi x'ghamel bil-messaggi u mistoqsi mill-Qorti jekk urihomx lil ommu wiegeb '*I have, no one (1) I never show messages straight to my mum but, cause when something I feel is tipo' what do you call it like threatening then I felt I need to put my foot in, but my messages and my dad were always confidential but when I found them threatening then I had to.*' Mistoqsi jekk hasshomx ta' theddid wiegeb '*I felt that they were you're not meant to say that to your son about your mum.*'

Ghalhekk jirrizulta li l-emendi li saru fuq l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta fil-mori tal-appell permezz tal-Att XI.2018.32 mhumiex tali li fit-termini tal-proviso ta' dan l-artikoli '*m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.*' Ghaldaqstant l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta minkejja l-emenda li saret fil-mori tal-appell ghadu applikabbli. Dak li din il-Qorti trid tistharreg huwa jekk il-kliem '*the court process will eventually prove that mum is a criminal blackmailer*' jikkostitwix ir-reat taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta li l-appellant gie akkuzat bih.

Ikkunsidrat;

Permezz tal-Ewwel aggravju, l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti zbaljat meta qieset li l-fatti tal-kawza kellhom iwasslu ghal sejbien ta' htija taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant filwaqt li qabel mal-Ewwel Qorti fejn sabet li mhux veru kien hedded lil Anna Zelbst, jghid li ma jistax' jaqbel li huwa ingurjaha bil-kliem "*criminal blackmailer*" Jissottometti li kliem '*The court process will eventually prove that mum is a criminal blackmailer*' ma nghadx biex jingurja lil Anna Zelbst izda biss biex jispjega lil ibnu Alain Mifsud kif ommu kienet qieghda tirrikattah. Jissottometti li l-Ewwel Qorti qieset li l-kliem l-iehor li nghad mhuwiex ingurjuz, stante li nghad f'kuntest ta' retroxena u li bhala kumment legittimu tal-appellant fl-isfond ta' proceduri legali u li ghalhekk il-Qorti kellha tqis anke dan il-kumment peress li huwa car li l-isfond tieghu kien wiehed identiku.

L-Ewwel Qorti sabet li '*Il-kliem "rest assured mum will pay the damage that she caused me, sooner or later she will, but I do what I have to do,", "I don't talk too much but I do what I have to do", f'ghajnejn din il-Qorti ma jirrizultax li huwa xi forma ta' theddid marbut ma' dak li l-imputat seta' qal lill-Anna Zelbst fis-sena 2006, izda huwa konferma, li l-imputatat kien bi hsiebu jiehu r-ragun permezz ta' toroq legali fi hdan il-Qorti, u fil-fatt dan il-kliem ntqal lit-tifel wara li Anna Zelbst baghtet lill-imputat email*[5] *fejn fost affarijiet ohra qed titlob lill-imputat biex ihallas il-kontjiet tad-dawl u l-ilma.*' L-Ewwel Qorti ikkunsidrat li dan il-kliem ma jikkostwixxix kliem ta' theddid li se jsir xi reat jew xi forma ta' estorsjoni u dan fir-retroxena li kkunsidrat l-Ewwel Qorti. Madankollu wara li qieset l-artikolu 252(1) u 252(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illum mhassar ikkunsidrat il-kliem '*a criminal blackmailer*' bhala ingurjuz.

L-Ewwel Qorti kkunsidrat li '*L-imputat qal lit-tifel tiehu Alain Mifsud, li ghad jigi pruvat li ommu Anna Zelbst hija "a criminal blackmailer". Certament li dan ma hux kliem dekoruz fil-konfront tal-parte civile wisq inqas meta dan il-kliem inghad lil terza persuna li tigi iben l-imputat u l-parte civile. L-imputat ma setghax jirreferi ghal Zelbst bhala "a criminal blackmailer" la darba ma kien hemm l-ebda sentenza tal-Qorti sa dak in-nhar li saret il-konversazzjoni li ikkundannat lil Zelbst bhala tali. Il-kliem "a criminal blackmailer" huwa kliem ingurjuz. L-imputat seta' esprima ruhhu b'mod differenti ladarba hassu rikattat minn Zelbst, biex jispjega lil ibnu li se jintavola kawzi fil-Qorti biex jiehu r-ragun.*'

Illi din il-Qorti tinnota li l-appellant fil-konverzazzjoni prezentata quddiem l-Ewwel Qorti ma jghidx li l-parti leza hija '*a criminal blackmailer*' izda li l-Qorti sejra eventwalment tiprova li hija '*a criminal blackmailer*'. L-Ewwel Qorti qieset il-kliem '*the court process will eventually prove that mum is a criminal blackmailer*' fl-ambitu tal-artikolu 252(1) u 252(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn ghall-Ewwel Qorti il-kliem kien ingurjuz ladarba ma kien hemm l-ebda sentenza tal-Qorti sa dak in-nhar li saret il-konverzazzjoni li kkundannat lil Zelbst bhala '*criminal blackmailer*' u ghaddiet sabiex issib htija taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti mhijiex sejra tqis jekk dan il-kliem huwiex ingurjuz fl-ambitu tal-artikolu 252(1) u 252(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gialadarba gie mhassar fil-mori tal-

[5] L-appellant fix-xhieda tieghu ta' nhar il-5 ta' Settembru, 2017 jghid li l-parte civile kienet baghtet 'smss' mhux 'email' kif tnizzel fis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

appell, izda sejra tqis jekk l-Ewwel Qorti setghetx issib htija taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk dak li din il-Qorti sejra tistharreg huwa jekk il-kliem '*the court process will eventually prove that mum is a criminal blackmailer*' uzat mill-appellant fil-konverzazzjoni ma' ibnu fuq 'WhatsApp' jikkostitwixux ingurja fl-ambitu tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Kif ikkunsidrat dwar l-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Francine Cini'**[6]:

*'Dina d-dicitura hija ben differenti minn dak ikkontemplat fl-artikolu 48 fejn il-kliem uzat huwa "uzu mhux b'mod kif imiss." Kien dana l-iskop tal-legislatur meta dahlet dina l-emenda fil-ligi permezz tal-Att XXX tal- 2007.*

*Illi ma hemmx dubju illi l-imputata intenzjonalment uzat l-apparat tal- mobile taghha sabiex taghmel uzu mhux xieraq bl-istess fis-sens illi baghtet messagg bi kliem ingurjuz dwar il-parti leza.*

*Il-Qorti ikkunsidrat x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur u x'ried partikolarment ifisser bil-kliem 'uzu iehor mhux xieraq' fejn fis-seduta tal-Parlament 'Laqgha nru. 117, ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2007' ntqal:*

*"DR PETER GRECH: Bħalissa fil-liġi hemm l-istess pieni, l-istess kappa ħlief subparagrafi (a) (b) u (c). Bħalissa r-reat huwa li wieħed jagħmel improper use minn apparat ta' komunikazzjoni elettronika.* ***Dan dejjem ftiehem li l-improper use huwa dawn l-affarijiet li hawn fil-paragrafi (a), (b) u (c) jiġifieri li wieħed juża apparat biex jhedded lil ħaddieħor, biex jestorċi flus, iġiegħel lil ħaddieħor jagħmel xi ħaġa illegali jew biex jagħmel harrassing, biex idejjaq lil ħaddieħor.***

*[...]*

---

[6] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Lulju, 2017 (Kaz Numru: 371/2017)

*DR PETER GRECH: Issa li ġara huwa* ***nqalgħet diffikulta' fil- qorti dwar xi tfisser improper use.*** *Fil-fatt kien hemm sentenza li jekk telephone użajtu bħala telephone qatt ma nista' nkun għamilt improper use tat-telephone anke jekk użajtu biex indejjaq lil xi ħadd. Il-bżonn ta' din l-emenda nqala' minħabba dan, biex niċċaraw x'ifisser improper use.* ***Tħalliet il-klawsola ġenerali "or makes any other improper use thereof" imma ġie iżjed speċifikat x'ifisser l-improper use, x'għandu jiġi projbit, li tuża apparat elettronika għal dawn l-iskopijiet imsemmija."*** *(enfasi tal-Qorti)*

*Minn dan johrog illi l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-frazi "uzu iehor mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il- kappa tax-xemx, maghduda kull offiza, insult jew kelma zejda, izda ghandha* ***tigi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti****.*

*Illi l-Ezekuttiv ghazel b'mod espress illi sa anke jelimina l-fastidju minn taht il-kappa ta' "uzu iehor mhux xieraq" tant li dan is-sub-paragrafu propost ma nghatax il-barka mil-Legislatur u gie eliminat: "(c) pursues a course of conduct which amounts to harassment of another person or which he knows or ought to know amounts to harassment of another person;"*

*Illi n-nota fil-margni tal-artikolu 49 tal-Kap 399 tkompli taghti sostenn ghall-intepretazzjoni moghtija mill-esponenti tal-intenzjoni tal-legislatur:*

*'Użu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika* ***biex isir theddid****.' (enfasi tal-Qorti).'*

Dik il-Qorti fost numru ta' kunsiderazzjonijiet ohra, ikkunsidrat li:

*'Illi l-imputata, fl-ewwel lok jidher illi l-akkuzi addebitati lilha huma dik ravvizata fis-sub-inciz (a)(b)u (c) tal-artikolu 49 li allura jipprospetta tlett sitwazzjonijiet differenti u mhux biss it-theddid tar-reat li jitkellem dwaru is-sub-inciz (a). Illi allura dan ir-reat jikkontempla ukoll l-uzu mhux xieraq li jsir permezz ta' xi network jew apparat ta' telekomunikazzjoni u dan fis-subiniciz (c) tieghu. Billi l-imputata ex admissis tistqarr illi hija baghtet sms bi kliem ingurjuz lill-kwerelant b'dan ghalhekk illi dak ravvizat fis-sub-inciz (c) immaterjalizza. Fil-process hemm ukoll il-konferma tas-service provider dwar il- komunikazzjoni li saret mill-mobile number tal-imputata lejn dak tax- xhud Duncan Zammit li jippatrocinah Dr. Kevin*

*Mompalao.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Vs Lee Borg'</u>**[7] il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat li:

*'Jilment ukoll l-appellanti fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li dwarha instab hati illi huwa qatt ma uza kliem ta' theddid fl-email mibghuta u allura kellu jigi illiberat. Illi l-appellanti ma ghandux ragun ghaliex fl-ewwel lok jidher illi it-tieni akkuza addebitata lilu hija dik ravvizata fis-sub-inciz (a)(b)u (c) ta'-artikolu 49 li allura jipprospetta tlett sitwazzjonijiet differenti u mhux biss it-theddid tar-reat li jitkellem dwaru is-sub-inciz (a). Illi allura dan ir-reat jikkontempla ukoll l-uzu mhux xieraq li isir permezz ta' xi network jew apparat ta' telekomunikazzjoni u dan fis-subiniciz (c) tieghu, ghalkemm l-Ewwel Qorti ma tindikax taht liema sub-inciz qed tinstab il-htija. Billi l-appellanti ex admissis jistqarr illi huwa bghat e-mail bi kliem ingurjuz lill- kwerelanti b'dan ghalhekk illi dak ravvizat fis-sub-inciz (c) immaterjalizza, allura dan l-aggravvju ukoll ma jisthoqqlux akkoljiment.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija [Spettur Martin Sammut] vs Dr. Alfred Grech'</u>**[8] gie kkunsidrat li:

*'L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl- użu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-liġi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil- paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu ieħor mhux xieraq" (sottolinear tal-qorti) isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaġġi in kwistjoni ma jitqiesux theddid iżda jitqiesu bħala messaġġi vulgari dan hu biżżejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (ċ) msemmi in kwantu huma messaġġi li tal-anqas idejjqu,*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Gunju, 2016 (Appell Numru: 27/2016)
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Lulju, 2013 (Numru 344/2012)

*jivvessaw jew joffendu lil min jirċevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min irċevihom. Din hi l-konsegwenza tal- applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi.'*

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti hija tal-fehma li bil-frazi '*the Court process will eventually prove that mum is a criminal blackmailer*' f'konverzazzjoni bejn l-appellant u ibnu ma hijiex tali li tikkostitwixxi theddid li jaghmel reat jew li nqalet bi hsieb li jiehu xi flus jew haga ohra jew biex jaghmel gwadan. Lanqas ma jirrizulta li dan il-kliem intqal biex igieghel lil parti leza taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga. Din il-Qorti lanqas ma tqis li l-appellant uza dan il-kiem bhala theddida biex jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant beda jispjega lil ibnu li sejjer jipprova l-Qorti li l-parte civile hija '*a criminal blackmailer*' ghalhekk lanqas ma jirrizulta li huwa mmalafama lil parti leza jew lil xi persuna ohra, tant li dan id-diskors ma sarx gewwa fora pubblika izda bejn l-appellant u ibnu.

Huwa pertinenti li din il-Qorti tqis il-kuntest kollu tal-kliem li l-parti leza hassitha ingurjata bihom biex tiddeciedi jekk l-Ewwel Qorti kinitx korretta meta qieset dawn il-kliem bhala ingurjuzi. Dawn jinstabu f'kemm a fol 2 u 28 fejn l-appellant baghat lil ibnu:

*'Let me v clear. Mum yesterday blackmailed me with exposing more dirt about me if I don't pay the bill. I reported that blackmail to the police as I gave nothing to fear. I built an untarnished reputation over 47 years and nobody but your mum accused me of being corrupt. The court process will eventually prove that mum is a criminal blackmailer.'*

Din il-Qorti ma ssibx li il-kliem '*criminal blackmailer*' fil-kuntest kollu li l-kliem intqalu bhala ingurjuzu u ghalhekk fil-kuntest tal-akkuza taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liigijiet ta' Malta ma jirrizultax li l-appellant ghamel uzu iehor mhux xieraq ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Filwaqt li din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti f'li l-appellant seta' esprima ruhu b'mod differenti la darba hassu rikattat mill-parte civile, biex jispjega lil ibnu li se jintavola kawzi fil-Qorti biex jiehu ragun, kif gia kkunsidrat din il-Qorti ssib li bil-kliem '*a criminal*

*blackmailer*' fil-kuntest li ntqalu l-appellant ma setghax jinstab hati taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta tar-reat addebitat bih.

Din il-Qorti qieghda takkolji l-ewwel aggravju tal-appellant ghar-ragunijiet ikkunsidrati f'din is-sentenza u sejra ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena. Konsegwentement sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravji l-ohra mressqa mill-appellant.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda ghar-ragunijiet ikkunsidrati, tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti nhar is-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) kemm fil-htija u fil-piena u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur